A.L. 4 ta' l-1981

ATT TA' L-1962 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

(ATT NRU. I TA' L-1962)

Ordni ta' l-1981 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1981.

Reviżjoni tas-salarju tad-Direttur ta' Verifika.

2. Bla ħsara għall-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att, għandu jitħallas lid-Direttur ta' Verifika, minflok is-salarju prexkritt f'dak is-subartikolu, is-salarju ta' erbat elef u tmienja u erbgħin lira.